MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1254/2004

**CGL Imports Limited**

**vs**

**Bastjan Borg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm861.13) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mixtrija mill konvenut minghand is-socjeta attrici matul dawn l-ahhar xhur u kkonsenjata lilu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 3 ta' Mejju 2004 kontra l-konvenut u bl-imghax legali kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici fejn huwa ceda s-sorte izda zamm ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ispejjes ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------